MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 842/2003

Joseph u Concetta konjugi Bonello
Vs
Carmel Debono

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-25 t'April, 2003, fejn intqal illi fit-8 ta' Jannar, 2003, Joseph u Concetta konjugi Bonello xtraw il-van Isuzu, numru tar-registrazzjoni CAM-498, u dan sabiex ikunu jistghu juzawh ghall-attivita kummercjali taghhom ta' "hawker".

Meta Joseph Bonello mar biex igedded il-licenzja tal-vettura, li kienet taghlaq fil-31 ta' Marzu, 2003, fid-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet huwa gie nfurmat minn skrivan f'dan id-dipartiment li mill-kompjuter taghhom kien qed jirrizulta li kien hemm sebghin lira Maltin (LM70) f'multi (konsistenti (a) f'hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) multa wara kontavenzjoni "no seatbelt" u (b) f'hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) multa wara kontravenzjoni "van overloaded", liema kontravenzjonijiet gew kommessi fit-13

t'April, 2002) li kienu pendenti. Irrizulta li dawn il-kontravenzjonijiet saru fizzmien meta din il-vettura kienet ghadha proprjeta ta' Carmel Debono.

Minghajr tali hlas ta' sebghin lira Maltija (LM70) f'multi id-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet ma kienx ser igedded il-Licenzja tal-vettura hawn fuq imsemmija. Minkejja li l-atturi talbu lil Carmel Debono sabiex ihallas l-ammont ta' sebghin lira Maltija (LM70) permezz ta' ittra bonarja datata 3 t'April, 2003, dan baqa' inadempjenti. Ghalhekk sabiex ikun possibli ghall-atturi sabiex johorgu l-karozza fit-triq minghajr ksur tal-ligi, kienu kostretti sabiex igeddu l-licenzja tal-vettura hawn fuq imsemmija, li jhallsu lill-Kunsill Lokali taz-Zurrieq l-imsemmija sebghin lira Maltija (LM70) u li kienu dovuti li jithallsu lil dan il-Kunsill Lokali missid precedenti ta' din il-vettura u mhux minnhom.

Ra l-konvenut debitament notifikat baqa' ma prezentax risposta.

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas is-somma ta' sebghin lira Maltija (LM70), bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------